VALLETTA
Città Umilissima

KUNSILL LOKALI VALLETTA | VALLETTA LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Is-Sebgħa Kunsill - SEDUTA Nru. 26**

It-Tlieta 7 ta' April 2015, fis-6.00pm

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta Itaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar,

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli ppresida.

**PREZENTI**

Kienu prezenti Prof Alexiei Dingli, Dr Normal Shaw, Christian Darren Micallef, Il-Kunsillier Vincent Farrugia Lauri u Vincent Fabri. L-Kunsillier Raymond Attard u l-Kunsillier Raymond Azzopardi kienu skużat. L-Ambaxxatur Jake Scerri kien preżenti. L-Ex -Ambaxxatur Jurgen Briffa kien preżenti.

**TALBA**

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru 25 li saret nhar It-Tlieta 10 ta' Marzu, 2015, fis-7.30pm kienu ikkonfermati.

1. **ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

1.1 Il-Viċi Sindku Christian Micallef nforma dwar l-applikazzjoni tal-European Cities For Sports. Nforma ukoll li wara laqgħat mal-Ministeri tal-Kunsilli Lokali u dak ta' l-Isport saret is-sottomissjoni biex lkunsill juri nteress. Issa ser ikun hemm shortlisting u anke spot check mill-gurija. Ir-Registrazzjoni tiswa 900ewro. L-Bid trid tiġi sottomessa sa' l-aħħar ta' Ġunju.

1.2 Il-Viċi Sindku Christian Micallef nforma dwar l-isports awards. Tkellem mal-Kunsillier Raymond Azzopardi. Il-Kunsillier Azzopardi ser jitkellem ma Luciano Busuttil biex forsi jingħata xi sponsor.

1.3 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li nhar id-duluri ltaqgħa ma' l-Isqof fejn infurmah li ser ikun qed jiltaqa miegħu.

2. **KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

2.1 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li l-applikazzjoni ta' SUMP ġiet aċċettata u l-Kunsill ingħata s-somma ta' 50,000 ewro għal dan il-proġett biex isir.

2.2 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li l-applikazzjoni għal attivitajiet ta' Jum il-Belt ġiet approvata. L-kunsill ingħata ammont pero għadu mhux magħruf kemm.

2.3 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li ser ikun qed jipparteċipa fil-konferenza li jmis ta' FECC. (Carnival Cities) biex fl- 2017 l-konferenza ssir Malta. Din ser issir f'Mejju ġewwa l-Kroazja. Is-Sindku nforma li diġa ltaqgħa ma' Annabelle mil-mca biex jibdew il-preparamenti.

2.4 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li f'Ottubru ser issir l-elezzjoni tal Eurpean Walled Towns fejn bħalissa għandna l-presidenza. Waqt id-diskusjoni kien hemm qbil li il-Kunsill tal-Belt ghandu jzomm il-presidenza u ghalhekk il-kunsilliera kollha qablu li is-Sindku ghandu jikkontensta għal President tal-European Walled Towns. Għalhekk f'Ġunju ser ikun qed jipprezenta proposta lil grupp ġewwa Bergen op Zoom. S-Sindku nforma ukoll li bħalissa qed isiru l-preparmenti għal programm tas-Symposium li ser isir ġewwa Malta. L-program ser jinkludi preżentazzjonijiet min PPS Sur Mario Cutajar dwar il-master plan tal-Belt Valletta, Perit Stephen Spiteri Espert fir-restawr, Sur Jason Micallef Chairman Valletta 2018, fost nies oħra.

3. **KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERI**

3.1 Il-Viċi Sindku Christian Micallef

3.2 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw nforma li xtaq jagħmel attivita Clean up day nhar 9 ta' Mejju 2015. Il-Kunsill qabel li din għandha ssir u s-Sindku propona li il-Viċi Sindku għandu jgħin l-Minority Leader fil-promozzjoni ta' l-attivita permess ta' facebook adverts u anke meżżi oħra. Nforma li ser ikollu Town Centre Manager Matthew Carbonaro jgħinu fl-attivita'. L-Minority Leader qabel li f'din l-attivita' għandu jkun involut l-kuntrattur ta' l-iskart tal-Kunsill. L-areas tal-Belt għandhom jiġu maqsuma fi 3 partijiet u għandhom jigu mistiedna persuni prominenti biex hekk issir kampanja edukattiva li sservi għal futur.

3.3 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw staqsa dwar l-expression of interest u s-Segretarju Ezekkutiv nforma dwar kif qed isiru l-evaluations.
3.4 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw staqsa dwar l-bollards mqaċta fi Triq San Kristofru.
3.5 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw nforma li għandu jigi rrapurtat amplified music fi Triq San Kristofru nhar ta' Ħadd fil għaxija minħabba li r-residenti ma jistgħux jistrieħu.
3.6 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi bgħat email dwar lment fuq l-Kuntrattur ta' l-iskart li mhux qed jagħmel xogħolu sew u biex titieħed azzjoni fosthom biex jingħata avviz ta' penali. Fl-assenza tal-Kunsilier Azzopardi mil-laqgħa s-Segretarju Ezekuttiv Gabriella Agius ħadet l-inkarigu biex tressaq dan l-ilment. Is-Segretarju Ezekkutiv nforma lil Kunsill li hi nfurmat lil Kuntrattur dwar dan l-ilment u sejħet lil Kuntrattur fil-laqgħa tal-Kunsill biex jagħti l-verzjoni tiegħu. L-Kuntrattur preżenta rapporti ta' tinidif permezz ta' datatrak system fejn wera car li il-kuntrattur kien ghamel xoghlu. Preżenta lil kunsill numru ta' ritratti fejn juru abbuzz mir-residenti kif ukoll mill-komunita' kummerċjali. Il-Kunsill qabel li l-kuntrattur qed jagħmel xogħolu sew ħafna. L-Minority Leader Dr Norman Shaw nforma lil Kuntrattur biex jagħmel logbook ta' xahar dwar abbuzi li jiltaqgħa magħhom biex jipprezenthom lil kunsill. Għalhekk is-Sindku propona Kontromozzjoni li ġiet isekondata mill-Kunsillier Vincent Farrugia Lauri u kkumplimenta lill-kuntrattur għax-xogħol tajjeb li qed jagħmel. Il-kunsill qabel dwar dan. Dwar din il-materja l-kunsill qabel li għandu jaddotta name and shame biex dawn l- abbuzi jinqatgħu. Għandha tinġabar informazzjoni mill-Komunita' kummerċjali dwar kuntrattur privat għal gbir ta' iskart.

## 4. KOMMUNIKAZZJONI TA' L-AMBAXXATUR

NIL

## 5. KORRISPONDENZA

5.1 Korrispondenza minn għand Sur Trevor Zahra biex issir traffic calmer fi Triq San Kristofru. Il-Kunsill qabel dwar dan
5.2 Korrispondenza minn għand EU Capital Cities Mayors' meeting li ser isir Vienna. Il-Kunsill qabel li Sindku għandu jipparteċipa.
5.3 Korrispondenza minn għand s-Sur Hector Cassola biex issir bollard quddiem ir-residenza tiegħu minħabba li qed ikollu diffikulta biex joħroġ minn ġo daru. Il-Kunsill qabel dwar dan
5.4 Korrispondenza minn għand Sur Paul Zammit biex isiru linji sofor. Il-Kunsill qabel li għandu jinformana x'natura ta' negozju, ritratt ta' ġewwa l-maħżen u nformazzjoni dwar il-kumpanija.
5.5 Korrispondenza minn għand Ms Carmen Galea biex tagħmel xi tarġiet temporanji quddiem il-bieb tagħha minħabba li għandha problema biex joħrog mir-residenza. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 6. AMMINISTRAZZJONI

6.1 Is-Segretarju Eżekkutiv Gabriella Agius preżentat l-financial statements lil kunsill u tagħt spjeġazzjoni dettaljata. Nfurmat li dawn ser jinbgħatu tard minħabba l-problema li kelna ma' l-accountant peress li dawn saru l-awduturi. Il-Kunsill min naħa l-oħra qabel li Grant Thortan m' għandhomx ikun l-awduturi tagħna minħabba kunflitt ta' interess. Għalhekk talbu biex

jiġi nfurmat d-dipartiment. Dan anke minħabba l-fatt li dawn naqsu li jonoraw klawzoli fil-kuntratt u għalhekk ser ikun hemm penali fil-ħlas dovut lilhom.

**6.1.1** Is-Sinkdu żied li ser jkun qed jiltaqa ma' l-accountant biex jiddiskuti l-qada finanzjara kif ukoll isiru targets u budgets.

6.2 Is-Segretarju Eżekkutiv Gabriella Agius nfurmat li peress li għalqet il-call part 1 ma' l-etc issa jmis li jiġi maħtur il-bord ta' l-għazla. Is-Sindku propona li jkunu hu, il-Viċi Sindku Christian Micallef u Dr Norman Shaw Minority Leader. Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

**TMIEM**

Il-Kunsill kollu qabel li nhar il-Ħamis 16 ta' April 2015 fis-8.00pm ser issir ikla għal impjegati kif ukoll għal kunsillieri kollha peress li kienet għada ma saritx waħda.

Fl-21.00hrs intemmet is-Seduta w giet aggornata għal Ħamis 7 ta' Mejju fit -18:00hrs.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku